MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 309/2001/1

**SMS Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Customs Agency Ltd u b’digriet tas-26 ta’ Novembru 2006 isem id-ditta konvenuta gie mibdul ghal “Customs and Freight Agencies Limited”**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li biha is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici bhala assikuranti ta’ u surrogata fid-drittijiet tas-socjeta’ M&A Holdings Ltd, is-somma ta’ erba’ mija sitta u erbghin liri Maltin u wiehed u erbghin centezmi (Lm446.41) rapprezentanti Lm342.91 valur tal-merkanzija u ta’ Lm103.50 hlas ta’ survey, rigward konsenja ta’ merkanzija li waslet Malta abbord il-vapur Mv Zebbug nhar il-15 ta’ April, 2000 fit-trailer numru TR 396 u liema merkanzija

meta giet konsenjata lill-M&A Holdings Ltd nhar it-18 ta' April, 2000 instab li parti minnha kienet nieqsa minkejja li kienet fil-kustodja u r-responsabilita tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ippresentata f'Marzu, 2001 u bl-imghax mid-data tal-istess sad-data tal-hlas relattiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjtea' konvenuta (fol 9 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, is-socjeta' esponenti ma hijiex il-legittima kontradittrici, stante illi s-socjeta' 'Customs Agencies Limited' ma tezistix;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati, kemm fil-fatt, kif ukoll fid-dritt, stante illi l-esponenti rrilaxxja l-merkanzija kollha minghajr ebda nuqqas, kif jigi pruvat aktar fid-dettal fil-kors tal-kawza;
3. Illi, minghajr pregudizzju, l-merkanzija ngarret abbazi ta' CMR, ossija 'Convention of the Contract for the International Carriage of Goods by Road', u ghalhekk ghandha tigi regolata abbazi ta' dak li jipprovdi tali konvenzjoni.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet, gja msemmi, moghtija waqt is-seduta tal-24 ta' Novembru 2001 (fol 18 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza, specjalment in-nota tal-osservazzjonijiet sottomessa mill-istess socjeta' attrici a fol 128 et seq ibid, liema nota baqghet minghajr ebda risposta (ara, ukoll, fol 127 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jigi rilevat, minnufih, illi s-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' dak kollu eccepit minnha hlief, kif jirrisulta mill-istess atti, illi pproduciet diversi xhieda, <u>in kontroesami.</u>

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, gew prodotti diversi provi kemm 'viva voce' kemm permezz ta' dokumenti kif, issa ser jinghad:-

a. Permezz tad-dokumenti esebiti b'nota a fol 11 u fol 30 et seq ibid, l-istess socjeta' attrici esebiet 'statement' dwar l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici u ammontanti ghal Lm446.41 kif spjegat fl-istess dokument flimkien ma' kopja tal-kont in konnessjoni mas-'survey' li saret f'dan il-kaz, "Discharge and subrogation form" li minnha jidher illi l-istess socjeta' attrici riserciet lis-socjeta' assikurata maghha, "M&A Holdings Ltd" billi hallset lil din is-somma totali ta' Lm342.91 a saldu tal-'claim' li din tal-ahhar ghamlet "… in connection with physical damage to furniture fittings and parts thereof" liema pagament sar, b'surroga tad-drittijiet kollha tal-istess socjeta' assikurata, kif ukoll l-imsemmi "survey report" esegwit minn MSB Valletta Limited specifikatament minn Saviour u Paul Ellul.
b. L-istess 'surveyor', Paul Ellul (fol 20 u fol 46 u fol 105 et seq ibid) esebixxa 'survey report' aktar dettaljat minn dak li, di gja, ssemma u li hu datat il-21 ta' Gunju 2000 (fol 22 et seq ibid). Hu kompla billi xehed illi l-istess 'survey' kien sar minnu personalment, 'fil-post ta' din is-socjeta (dik assikurata) fi Triq Bisazza, Sliema' fejn gie informat illi s-socjeta' assikurata kienet irceviet merkanzija konsistenti fi xkafef u hgieg u minnha '… kienu nstabu xi kaxxex tal-kartun neqsin waqt li kien hemm kaxxa ohra bi hsara'. Sussegwentement hu kien kiteb ittra lis-socjeta' 'Customs Agency Ltd' (ara fol 27 ibid) u li biha din giet informata illi l-merkanzija nieqsa u danneggjata kienet fil-kustodja tal-istess socjeta' konvenuta meta l-istess nuqqas u hsara avveraw ruhhom. Dwar dan il-punt, ix-xhud esebixxa n-'notice of arrival' relattiv ghall-istess merkanzija u esebita a fol 28 ibid minn fejn jidher illi meta l-merkanzija in kwistjoni twasslet f'Malta fuq l-'M.V. Zebbug' fl-4 ta' April 2000 u skond l-istess dokument mahrug mis-socjeta' konvenuta, wara 'Received in good order and condition with the following exceptions – six cartons fd missing on delivery on 18.04) (ara ukoll ix-

xhieda ta' Joseph Pavia a fol 66 u fol 67 ibid dwar ir-risarciment permezz ta' pagament, b'surroga, lis-socjeta' assikurata msemmija ).
c. Margerita Diacono, direttrici tas-socjeta' assikurata (fol 88, fol 93, fol 119 u fol 125 et seq ibid) ikkonferma illi s-socjeta' 'Customs Agency Limited' bl-isem jinbidel ghal 'Customs and Freight Services Limited' kienet giet inkarigata sabiex timposta l-merkanzija in kwistjoni u meta din kienet ingiebet fil-hanut f'Tas-Sliema, hi skopriet li kien hemm pakkett nieqes u oggetti tal-hgieg miksurin avolja, qabel, kienet giet informata li "… kien kollox sew". Inoltre hi esebiet ukoll, l-istess "notice of arrival" gja msemmi u li fuq u hemm specifikati "six cartons …missing on delivery on 18.04) (ara ukoll id-dokumenti esebiti a fol 71 sa fol 73 ibid). In kontro ezami, hi qalet li kien minnu li ffirmat id-dokument esebit a fol 28 in rigward il-konsenja tal-istess merkanzija bhala 'in good order' izda wara l-istess konsenja u ffirmar ta' dan id-dokument, hi kienet indunat li kin hemm xi kaxxa jew kaxxi neqsin, waqt li in rigward il-ksur ta' xkaffar tal-hgieg, hi sabitu hekk wara li ftethu l-kaxxi konsenjati di gja.

Ikkunsidrat

Illi, a bazi ta' dak kollu premess jidher b'mod car illi t-talba attrici ghadha tigi akkolta, a bazi ta' dak premess fl-istess avviz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta' Lm446.41 ossija €1039.86 bl-imghax legali mill-31 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali minghajr data izda presentata matul Marzu 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------